MSIDA

**Kunsill Lokali – L-Imsida**

**Rapport ta' Ħidma 2015**

Il-Werrej


1.0 Il-Kunsill……………………………………………………..............2
1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill……………………….............2

2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill……………………………………………......... 2
2.1 Ilmenti.................................……………………………………….... 3
2.2 Kuntatt……………………………………………………….........3
2.3 Xogħol ieħor………………………………………………….........3
2.4 Jum L-Imsida......…………………………………………………….4
2.5 Xogħol fil-Komunita'..........................…………….......……………..5
2.6 Għaqdiet………………............................................................................ 5
2.7 Anzjani………...............................................................................................5
2.8 Kunsill Lokali Żgħażagħ (KLŻ)..…………………………………….5
2.9 Kumitat Amministrattiv Swatar……………………………………...5
2.9.1 Attendenza…………………………………………………….....6

3.0 Konklużjoni……………………………………………………..........6

Tabella Numru 1 – Attendenza tal-Kunsilliera, Kunsill Lokali L-Imsida
Tabella Numru 2 – Attendenza tal-Membri, Kumitat Amministrattiv Swatar

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 8,545 huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija minn Segretarju Eżekuttiv u żewġ Aġenti Segretarji Eżekuttivi bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija pjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

## 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2015 nżammu 14-il laqgħa li waħda minnhom kienet b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija f'Tabella Numru 1 annessa mar-Rapport.

## 2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2015 saru **14-il laqgħa tal-Kunsill**, li jinkludu laqgħa li saret b'urġenza. Intbagħtu bosta ittri, filwaqt li ġew ipproċessati mijiet ta' **permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

## 2.1 Ilmenti

Matul is-sena 2015, il-Kunsill irċieva **806 ilment**. 97.8% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 2.19% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2015. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra l-ilmenti li jaslulu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL) u dawk taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunita' (ETC). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti għas-sena 2015.

| Ilmenti | Kunsill | E-gov | Oħrajn | Dawl fit-toroq | Total | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Magħluqa** | 491 | 109 | 32 | 163 | 795 | 97.80% |
| **Pendenti** | 11 | 0 | 0 | 0 | 11 | 2.19% |
| **Total** | 502 | 109 | 32 | 163 | 806 | 100% |

## 2.2 Kuntatt

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat ma' Transport Malta fuq il-Proġett li sar f'Xatt Imsida, mal-Kumpanija Green Pak rigward skart riċiklat, mal-Ministeru tal-Ambjent dwar Komunitajiet Aktar Ħodor, mad-Direttur tad-Dipartiment Lokali, laqgħat Reġjonali – Reġjun Ċentru, mal-MEPA dwar fondi, kif ukoll diversi laqgħat ma' kuntratturi u entatijiet oħra.

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **erba' ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

a. Mediterraneo Marine Park
b. Ħarġa bid-dgħajsa fil-gżejjer ta' San Pawl
c. Hop on Hop off Bus
d. Bethlehem f'Għajnsielem

## 2.3 Xogħol ieħor

a) Il-Kunsill kellu **sitt talbiet ta' lampi ġodda**. Minnhom erbgħa ġew approvati u twaħħlu mentri t-tnejn l-oħra ma ġewx ġustifikati min-naħa tal-Enemalta u b'hekk ma sarux. Il-Kunsill m'ghandux talbiet pendenti.

b) Sar il-Ftuħ tal-Berġa fiċ-Ċentru Ċiviku li joffri servizzi tas-saħħa fil-Kura tas-Saħħa Primarja.

i. L-attivitajiet edukattivi li saru fis-sena 2015 kienu s-segwenti :
ii. Korsijiet tal-IT għall-adulti organizzati mit-TCTC kif ukoll korsijiet għat-tfal għal matul is-Sajf.
iii. Korsijiet tal-Arts and Crafts għat-tfal organizzati mill-Kunsill.
iv. Korsijiet għat-tfal tad-Drama organizzati minn Darc Productions.
v. *Għajnuna Homework* kull nhar ta' Ġimgħa b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Appoġġ tal-Imsida.
vi. Sar kors, *Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar*, ta' għaxar ġimgħat, fuq l-inizjattiva tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.
vii. Saru korsijiet organizzati mil-Lifelong Learning bi ftehim mal-Kunsill, fosthom, Xjenza, *Personal Care* u *Business Studies*.
viii. Il-Kura tas-Saħħa Primarja organizzat taħditiet edukattivi dwar is-saħħa fiċ-ċentru tal-Anzjani fi ħdan il-Kunsill.

c) Intlaqgħu 2776 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Minn dawn it-talbiet 384 minnhom kienu ġejjin mis-Swatar.

d) Kien hemm 449 residenti li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**.

e) Intefqu €1200 f'kotba, li nofshom inħarġu mill-Kunsill u n-nofs l-ieħor mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex il-**librerija** li tinsab fiċ-Ċentru Ċiviku tibqa' tkun mgħammra b'kotba li jqanqlu interess għal diversi kategoriji ta' qarrejja. Skont l-aħħar statistika maħruġa, is-self tal-kotba mil-librerija pubblika kienet ta' 16,000.

f) Il-Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** tal-istudenti minn kulleġġi differenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Student mill-Universita' ta' Malta ġie megħjun fir-riċerka. Kellna studenti mill-Junior College kif ukoll student Olandiż mill-Universita' Studio T, fl-Olanda, li wettaq taħriġ fil-Kunsill.

g) Fl-aħħar tas-sena l-Kunsill ippubblika **kalendarju** b'ritratti ta' kif kienet l-Imsida qabel, li wara tqassam bieb bieb.

h) Sar **immaniġġjar ta' traffiku** ġdid fi Triq Misraħ il-Barrieri biex żdied il-**parkeġġ** u ġiet irranġata l-pjazza ta' Triq Dun Kalċidon Schembri fejn hemmhekk ukoll kien miżjud il-parkeġġ.

i) Fis-Sajf kienet miżjuda l-frekwena tal-**knis** fix-Xatt ta' Ta' Xbiex u anke fejn il-Juniour Collage kollu minħabba l-indifferenza ta' ċertu individwi.

j) Ġiet imnaqqsa ġurnata mill-ġbir tal-**iskart riċiklat** minħabba bosta persuni li jgħixu b'mod temporanju f'L-Imsida u anke minħabba residenti Misidjani stess li ma kienux qed jirrispettaw il-ġranet tal-borża l-ħadra.

## 2.4 Jum L-Imsida

Matul Ġimgħa Msida ġew organizzati diversi attivitajiet kif muri hawn taħt:

a) Lejla Divertenti ta' Kant u Ċajt
b) Ħarġa għall-Anzjani
c) Ħarġa għat-Tfal
d) Dawra bid-Dgħajsa madwar il-Port għall-familja kollha.
e) Ittellgħet Serata Ġieħ L-Imsida fejn ingħata Mertu Msida.

Waqt is-Serata Ġieh Imsida li saret nhar is-Sibt 11 ta' Lulju 2015 is-Sinjorina Maria Zammit Gallo ġiet mogħtija il-Midalja Mertu.

## 2.5 Xogħol fil-Komunita'

Matul is-sena 2015, tliet residenti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għamlu xogħol fil-komunita'. Dawn għamlu xi xogħlijiet ta' manutenzjoni, tikħil u żebgħa, kif ukoll tindif.

## 2.6 Għaqdiet

Mal-Għaqdiet Misidjani saret bosta kollaborazzjoni. Mal-Kummissjoni Żgħażagħ Ġużeppini ġiet imtella' wirja għal żmien il-Ġimgha l-Kbira li saret fil- Kunsill Lokali fejn id-donazzjonijiet marru għal Puttinu Cares. Ingħatat l-għajnuna kollha biex sar l-ikbar salib mixgħul bix-xemgħat, fejn inkiser ir-rekord nazzjonali u Lejliet il-Milied biex bħal kull sena saret il-Purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin u wara kunċert fuq iz-zuntier flimkien mas-Soċjeta' tal-Museum u l-Għaqda Banda Melita. Mal-Aġenzija Appoġġ, Aġenzija Żgħażagħ, Msida Sea Scouts u l-Għaqda Banda Melita ġie organizzat Loghob f'Xatt l-Imsida. Isiru attivitajiet varji ma' Għaqdiet oħra fosthom tal-Ġostra u L-Imsida Nursery.

## 2.7 Anzjani

Lill-Anzjani tintbagħtilhom kartolina f'għeluq sninhom fejn kull l-aħħar tax-xahar issir quddiesa u wara ssir bibita għal dawk ir-residenti li jagħlqu żmienhom. Kważi kull xahar ukoll issir ħarga għall-anzjani. Iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jiftaħ nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa għall-anzjani tal-Lokalita'. F'Lulju saret żjara lill-Anzjani tad-Dar Residenzjali tal-Gvern.

## 2.8 Kunsill Lokali Żgħażagħ (KLŻ)

Il- KLŻ huwa magħmul minn sitt żgħażagħ u l-Ambaxxatur Vot 16 huwa s-Sindku tal-istess Kunsill. Dan il-Kunsill huwa wieħed attiv fejn anke sar xogħol ta' fejda permezz ta' tindif fil-ġnien tad-dar tal-anzjani u fil-ġibjun fi Triq il-Wied. F'Mejju xi membri tal-KLŻ u żgħażagħ oħra pparteċipaw fi skambju taż-żgħażagħ fil-Lithuania. Is-sena l-oħra wkoll rebħu ċ-ċans li jwettqu proġett bl-isem ta' *Soċjeta' Magħquda, Soċjeta' Ġusta* li kien jikkonsisti f'installazzjoni forma ta' monument li tqiegħed fil-parti l-qadima ta' Misraħ San Ġużepp.

## 2.9 Kumitat Amministrattiv Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jaqa' taħt il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida u ta' Birkirkara rispettivament. Dan il-Kumitat huwa magħmul minn ħames persuni u jieħu ħsieb jamministra ż-żona tas-Swatar. Il- Kunsill Lokali L-Imsida dejjem mexa id f'id ma dan il- Kumitat għall-ġid tar-residenti ta' din iż-żona. Ix-xogħol imwettaq minn dan il-Kumitat huwa s-segwenti:

1. Il-Ħamis 5 ta' Frar il-KAS iltaqa' mad-Direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diffikultajiet li jiffaċċja l-Kumitat fosthom il-fatt li s-Swatar huwa maqsum bejn

żewġ Kunsilli Lokali, ċjoe' Birkirkara u l-Imsida, u dwar il-fatt li s-Swatar għadu mhux rikonoxxut bħala Kunsill Lokali.
2. F'Mejju saret l-attivita' ta' Ġieħ is-Swatar flimkien mas-Swatarfest li magħtulha ingħata dan il-Ġieħ. Matul din is-sena saru emendi għar-regolamenti ta' Ġieħ is-Swatar.
3. F'Mejju saret blood drive li matulha residenti fis-Swatar taw donazzjonijiet tad-demm permezz tal-Mobile Blood Unit.
4. Saru arranġamenti sabiex fis-Swatar jitwaqqaf grupp tal-Girl Guides. Dan beda jiltaqa' b'mod regolari minn nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru, 2015.
5. Tneħħew żewġ bring in sites minn tlieta peress li kien qiegħed jitħalla skart b'mod abbużiv li beda joħloq inkonvenjenza lir-residenti.
6. Il-Kumitat għadu qed isegwi kwalunkwe' żviluppi b'rabta mal-Art tas-Sisla. Wara li reġa' ġie mġedded il-permess għall-iżvilupp lill-Awtorita' tad-Djar, kienu rappreżentanti mill-Ministeru tal-Politika Soċjali li laqqgħu liċ-Chairperson tal-Awtorita' tad-Djar mas-Sindku ta' Birkirkara u ċ-Chairperson tal-KAS fejn ġie deċiż li l-pjanti tal-iżvilupp għandhom jiġu riveduti sabiex jieħdu inkonsiderazzjoni il-ħtiġijiet tal-komunita' tas-Swatar ġaladarba jsir dan l-iżvilupp. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin. Matul din il-laqgħa ssemmew *Day Care Centre*, *Childcare Centre*, kif ukoll parkeġġ għar-residenti fis-sular sotterran.
7. Ġie maħsub sabiex isiru tiswijiet fil-playing field bil-għan li ssir il-manutenzjoni meħtieġa u saru l-preparamenti biex tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.
8. Saru numru ta' laqgħat mas-Sindku ta' Birkirkara fir-rigward ta' reviżjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku fis-Swatar.
9. Saru laqgħat mal-Kunsill Lokali tal-Imsida fir-rigward ta' xogħol bil-għan li jsir belvedere żgħir fi Triq Indri Grima.
10. Qed jiġi pjanat li matul is-sena 2016 isiru serje ta' taħditiet edukattivi.
11. Min-naħa tal-Kunsill Lokali B'Kara bdew jitranġaw turġien li jagħtu għal Triq il-Wied.
12. Ittieħdu inizjattivi biex isiru iktar doggy bins, sleeping policeman fejn kien meħtieġ u friskar taż-żebgħa tal-parkeġġi.
13. Matul din is-sena kien hemm numru ta' laqgħat ma' operaturi kummerċjali bil-għan li jkun esplorat kif jistgħu joffru sapport lill-komunita' u li l-operat tagħhom ma jservix ta' inkonvenjenza għar-residenti.
14. Sar football tournament fix-xahar ta' Ġunju li għalih ipparteċipaw bosta żgħażagħ kemm mis-Swatar u anke barra s-Swatar bit-tir li l-Kumitat jippromwovi l-isport.
15. Inġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet kull fejn kien jirriżulta li operaturi kummerċjali u kuntratturi kienu qed iwettqu xogħol bla permess jew b'mod abbużiv.

### 2.9.1 Attendenza

Matul is-sena 2015 saru disa' laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv. Kien hemm perjodi fejn il-laqgħat ma sarux minħabba l-fatt li l-Kunsill Lokali tal-Imsida għamel perjodi żgħar mingħajr Segretarju Eżekuttiv. Il-laqgħat tal-Kumitat, bħal dawk tal-Kunsilli Lokali ma jkunux jistgħu jittellgħu mingħajr il-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv.

Fit-Tabella Numru 2 annessa mar-Rapport wieħed isib id-dati tas-seduti li saru, l-attendenza tal-membri, kif ukoll il-perċentwal tal-attendenza għal kull membru matul din is-sena.

## 3.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sra Marita Portelli u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Arthur Perici tal-ħidma li wettqu tul din is-sena, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.



Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Tabella Numru 1

| | Nru tas-Seduta | 26/K7/15 | 27/K7/15 | 28/K7/15 | 29/K7/15 | 30/K7/15 | 31/K7/15 | 32/K7/15 | 33/K7/15 | 34/K7/15 | 35/K7/15 | 36/K7/15 | 37/K7/15 | 38/K7/15 | 39/K7/15 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Data tas-Seduta | 20.01.15 | 17.02.15 | 24.03.15 | 28.04.15 | 15.05.15 | 09.06.15 | 06.07.2015 | 31.07.2015 | 25.08.15 | 16.09.15 | 13.10.15 | 27.10.15 | 24.11.15 | 21.12.15 | |
| | | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | P/A/S | % |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1 | M.Baldacchino Cefai (Sindku) | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 100 |
| 2 | Dr. A. Sciberras (Viċi Sindku) | P | S | P | S | S | P | S | P | S | P | A | S | P | A | 42 |
| 3 | C.Selvaggi | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | P | P | P | P | 93 |
| 4 | M.Agius | P | P | P | P | S | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 93 |
| 5 | E.Brincat | S | S | P | P | S | P | P | P | P | A | P | P | P | P | 71 |
| 6 | L.Bartolo | P | P | S | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | 86 |
| 7 | M.Agius | P | P | P | P | S | P | P | P | P | P | P | P | S | S | 78 |
| 8 | A.Abela Wadge | A | P | P | P | P | P | P | P | P | A | P | S | S | S | 64 |
| 9 | R.Galea | P | P | P | P | P | P | P | P | S | P | P | P | P | P | 93 |

**P** **Preżenti**
**A** **Assenti**
**S** **Skużat/a**

| Nru tas-Seduta | 08/2015 | 09/2015 | 10/2015 | 11/2015 | 12/2015 | 13/2015 | 14/2015 | 15/2015 | 16/2015 | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Data tas-Seduta** | 19-Jan | 26 Fra | 16-Mar | 17-Apr | 14-Lul | 9-Lul | 6-Ott | 11-Nov | 9-Diċ | * |
| | | | | | | | | | | |
| **Matthew Mangion Chairperson** | P | S | P | P | P | P | P | P | P | 89 |
| **Deborah Galea Viċi Chairperson** | P | P | P | P | P | P | S | P | P | 89 |
| **Emanuel Galea** | P | P | P | S | P | P | P | P | P | 89 |
| **Owen Patrick Attard** | P | P | P | P | P | P | P | P | P | 100 |
| **Jimmy Zahra** | P | P | P | S | S | P | P | P | S | 67 |

*** Persentaġġ ibbażat fuq il-laqgħat li għalihom il-membri kienu preżenti tul is-sena 2015.**

**P - Preżenti / A - Assenti / S - Skużat**